# Ħad-Dingli Jfakkar 325 Sena Parroċċa

# 1678 ~ 31 ta' Diċembru ~ 2003

**Fi tmiem is-sena li għaddiet, il-parroċċa ta' Ħad-Dingli ċċelebrat it-325 anniversarju mit-twaqqif definittiv tagħha. Kien proprju nhar il-31 ta' Diċembru 1678 li l-Isqof Mikiel Ġlormu Molina ta mill-ġdid lil Ħad-Dingli d-dinjità ta' parroċċa wara li għaxar snin qabel il-Vigarju Ġenerali neħħa lil dan ir-raħal minn parroċċa, kif kien għal numru ta' snin qabel. MARIO MICALLEF jagħti ħarsa dettaljata lejn l-attivitajiet organizzati biex kien imfakkar kif jixraq dan l-anniversarju speċjali.**

Fl-aħħar jum tas-sena 2003, il-parroċċa ta' Ħad-Dingli ċċelebrat it-325 anniversarju mit-twaqqif definittiv tagħha. Dan l-anniversarju importanti ma tfakkarx biss nhar il-31 ta' Diċembru, iżda bil-għajnuna u l-ħidma ta' bosta u bil-parteċipazzjoni tal-poplu ta' dan ir-raħal, b'numru ta' inizjattivi u attivitajiet li kienu organizzati minn xhur qabel. Dan kollu għen biex il-poplu ta' Alla f'din il-parroċċa jirringrazzja lil Alla u lill-Madonna ta' dak kollu li għaddiet minnu l-parroċċa tagħna tul is-snin, iżda fl-istess ħin okkażjoni wkoll biex wieħed iħares 'il quddiem u jkompli jibni fuq il-ħafna tajjeb li ħallewlna missirijietna.

L-ewwel inizjattiva li ttieħdet tmur lura għal Mejju tas-sena li għaddiet meta tnediet kompetizzjoni għal *logo* biex jintuża fl-attivitajiet u ċ-ċelebrazzjonijiet li saru biex jitfakkar dan l-anniversarju, kompetizzjoni li ġibdet l-interess ta' numru sabiħ ta' parteċipanti bir-rebbieħ skond kif magħżul mill-ġurija jkun il-*logo* ppreżentat minn Paul Camilleri. F'Ġunju mbagħad saret konsagrazzjoni speċjali tal-parroċċa, bis-sehem tal-poplu, lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija waqt li fix-xahar ta' wara kienu organizzati kompetizzjonijiet għat-tfal u għall-istudenti żgħażagħ li kienu jvarjaw minn xogħlijiet ta' tpinġija u *collage* għal proġetti u komponimenti.



*L-Isqof Silvestru Magro waqt it-Translazzjoni Solenni tar-Relikwa tal-Madonna lejlet il-festa titulari*

F'Awissu, l-attivitajiet kienu intensivi u ntrabtu mal-programm tal-festa titulari ta' Santa Marija. Nhar il-Ġimgħa 8 ta' Awissu kien jum ta' ringrazzjament lil Alla u lill-Madonna fejn wara l-quddiesa ta' filgħaxija, il-Kor Parrokkjali *Regina Coeli* ppreżenta Serata Marjana fil-Knisja li trattat seba' episodji mill-ħajja tal-Madonna: l-Immakulat Konċepiment u t-twelid tagħha; it-tħabbira ta' l-anġlu; it-twelid ta' binha Ġesù; il-preżentazzjoni ta' Ġesù fit-tempju; is-sehem tagħha fit-tbatija ma' binha fi tmiem ħajtu; inżul l-Ispirtu s-Santu; u t-Tlugħ fis-Sema u l-Inkurunazzjoni ta' Marija Sultana tas-sema u ta' l-art. Is-Serata Marjana intemmet billi l-Kappillan, Dun Reuben Deguara, qassam ir-rigali lir-rebbieħa tal-kompetizzjonijiet imsemmija aktar qabel.

Ċertament li lkoll niftakru ċ-Ċelebrazzjoni Marjana mmexxija mill-Isqof Awżiljarju, Monsinjur Annetto Depasquale, li saret l-għada s-Sibt 9 ta' Awissu fl-okkażjoni tal-ħruġ min-niċċa ta' l-istatwa titulari u l-preżenza fostna fil-jiem tal-festa ta' l-Isqof Silvestru Magro, Amministratur Appostoliku ta' Benghazi, fil-Libja. Fil-jiem tal-festa, mal-faċċata tal-Knisja taħt il-kampnari spikkaw imdawla s-snin li jfakkru t-325 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa, jiġifieri l-1678 u l-2003, li nxtelu wkoll fl-aħħar ħmistax-il ġurnata tas-sena li għaddiet. Nhar il-festa filgħaxija mbagħad, fi tmiem iċ-Ċelebrazzjoni Ewkaristika wara d-dħul tal-purċissjoni, il-Kappillan nieda l-ftuħ ta' fond biex ikun jista' jitwettaq proġett ta' manutenzjoni u restawr tal-koppla, il-kampnari u l-kopplettl tal-Knisja Parrokkjali bil-għan li jkun ikkonservat dak li ħallew ulied din il-parroċċa tul is-snin.

Bħala parti mill-attivitajiet marbuta ma' dan l-anniversarju, f'Settembru l-parroċċa tagħna kienet mistiedna biex lejlet il-festa tat-twelid tal-Madonna tieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' quddiesa li xxandret dirett fuq l-istazzjon tat-Televiżjoni Nazzjonali mill-Kappella tas-Sorijiet Ursolini fi Gwardamanga. Il-quddiesa tmexxiet mill-Kappillan u kienet animata mill-Kor Parrokkjali.

Il-Festa tal-Madonna tar-Rużarju ċċelebrata fl-ewwel Sibt ta' Ottubru kienet organizzata differenti mis-soltu kemm fl-isfond ta' dan l-anniversarju kif ukoll minħabba li l-perjodu bejn Ottubru 2002 u Ottubru 2003 il-Knisja Kattolika ddedikatu bħala s-Sena tar-Rużarju. Il-quddiesa ta' l-okkażjoni tmexxiet minn Monsinjur Carmelo Mercieca, l-Arċipriet tax-Xewkija, li hija l-unika parroċċa fil-gżejjer Maltin li bħal dik ta' Ħad-Dingli twaqqfet fl-1678. Wara, il-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju għaddiet minn toroq differenti minn dawk tas-soltu fejn mill-Knisja ħadet ir-rotta għal Misraħ Ġużè Abela u għal dawn it-toroq: Għar Bittija, ix-Xefaq, Lemħet Filfla, Ġużè Ebejer, Dun Xand Cortis, il-Ħawli u l-Knisja. Il-purċissjoni kienet tinkludi *aux flambeaux* ffurmata minn ta' familja minn kull triq jew żona tal-parroċċa. Dakinhar ukoll, kienet inawgurata wirja fil-Knisja fejn kienu esebiti l-affarijiet kollha li ddaħħlu għall-kompetizzjonijiet, jiġifieri kemm dawk tat-tfal u ta' l-istudenti żgħażagħ kif ukoll dik ta' *logo* kommemorattiv. F'Novembru mbagħad tnieda konkors ta' poeżiji li kien miftuħ fuq bażi nazzjonali u kienet organizzata kampanja għall-kitba ta' persuni fir-reġistru nazzjonali ta' l-għoti ta' l-organi.

Mingħajr ebda dubju iżda, il-qofol ta' l-attivitajiet li fakkru t-325 anniversarju mit-twaqqif tal-parroċċa ntlaħaq fl-aħħar jiem ta' Diċembru li għadda kif jixhed programm kommemorattiv li kien ippubblikat għall-okkażjoni. Nhar is-Sibt 27 ta' Diċembru filgħaxija ttella' kunċert ta' mużika sagra bl-orgni fil-Knisja minn Mro. Edric Micallef. L-għada, il-Ħadd 28 ta' Diċembru, iċ-Ċentru Parrokkjali kien miftuħ għall-pubbliku l-ġurnata kollha fejn il-mijiet li żaruh ingħataw spjega ta' x'sar u x'għad irid isir waqt li setgħu isegwu mill-qrib f'hiex waslu x-xogħlijiet fuq dan il-proġett daqstant importanti għall-parroċċa li sa dakinhar kien lest ġebel u saqaf. Mis-sala taċ-ċentru, dakinhar sar programm speċjali f'xandira diretta fuq l-istazzjon tar-radju tal-komunità, Radju Mħabba, waqt li kienu diversi l-ġurnali u l-mezzi tax-xandir f'pajjiżna li rrappurtaw din l-attività.

Fi Knisja armata għal din l-okkażjoni speċjali, nhar it-Tnejn 29 ta' Diċembru kienet organizzata Akkademja



*Il-qoxra tal-programm kommemorattiv ippubblikat f'Diċembru*


*Il-Kappillan, Dun Reuben Deguara, jippreżenta tifkira ta' l-okkażjoni lill-Isqof Emanuel Gerada fi tmiem l-Akkademja Mużiko-Letterarja*

Mużiko-Letterarja taħt il-patroċinju ta' Monsinjur Emanuel Gerada, Arċisqof Titulari ta' Nomentum. Minkejja l-maltemp li kkaratterizza dik il-lejla, l-attendenza fil-Knisja kienet tajba u l-Kor Parrokkjali *Regina Coeli* flimkien ma' l-orkestra, ilkoll taħt id-direzzjoni ta' Mro. James S. Chappell, taw esekuzzjoni mill-aqwa ta' diversi siltiet. Is-Segretarju Pastorali Djoċesan, Dun Charles Cordina, għamel id-diskors ta' l-okkażjoni li qed nippubblikawh f'parti oħra ta' dan il-ktejjeb, kif qegħdin nagħmlu wkoll fir-rigward taż-żewġ poeżiji li kisbu l-ewwel u t-tieni post fil-konkors li tnieda għal din l-okkażjoni u li r-rebbieħa tiegħu tħabbru propju fi tmiem din l-Akkademja Mużiko-Letterarja.

## AKKADEMJA MUŻIKO-LETTERARJA

bis-sehem tal-Kor Parrokkjali *Regina Coeli* u l-Orkestra
taħt id-direzzjoni ta' Mro. James S. Chappell A.L.C.M., L.L.C.M.

| | | |
|---|---|---|
| Preghiera | **Ave Maria** | Giulio Caccini |
| Antifona | **Antifona Vocabis**<br>solista: Antoine Azzopardi | Vincenzo Ciappara |
| Inno | **Panis Angelicus** | Cesar Franck |
| | **Diskors ta' l-Okkażjoni** | Dun Charles Cordina<br>Segretarju Pastorali Djoċesan |
| Preghiera | **Salve Regina**<br>solista: Anthea Turner | James S. Chappell |
| Innu Popolari | **Lil Marija Assunta** | P. Louis Bajada OC<br>Dun Pawl Caruana |
| | **Innu Ċiviku** | P. Albert Borg OSA<br>Dun Pawl Caruana |
| | **Innu Malti** | Robert Samut<br>Dun Karm Psaila |

Għeluq it-325 sena mit-twaqqif tal-parroċċa ta' Ħad-Dingli ħabat proprju nhar il-31 ta' Diċembru meta kien it-tieni jum tal-kwaranturi fejn bħal lejliet, fil-Knisja, Ġesù Sagramentat kien espost il-ġurnata kollha għall-adorazzjoni. Fis-6.30 p.m. ingħata bidu għal quddiesa komunitarja ta' ringrazzjament lil Alla u lil Ommna Marija li żammew taħt il-ħarsien tagħhom il-parroċċa tagħna tul dawn it-325 sena. Il-quddiesa tmexxiet mill-Kappillan, Dun Reuben Deguara, li kien akkumpanjat minn Dun Ġwann Abela u Dun Louis Camilleri. Fit-tmiem, tkanta t-*Te Deum*, inħarqu murtali u murtaletti, u ngħatat il-Barka Sagramentali.